



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-24 ta' Mejju 2016

It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-UE: "għadu mhux fit-triq it-tajba", iwissu l-awdituri

Minkejja l-objettiv tal-Kummissjoni Ewropea li t-trasport tal-merkanzija jiġi ttrasferit mit-toroq għall-ferrovija, is-sehem tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-UE fil-verità naqas xi ftit mill-2011 'il hawn, skont rapport ġdid mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. It-trasport ferrovjarju jiffavorixxi aktar l-ambjent u juża inqas żejt importat, jgħid ir-rapport. Iżda huwa qed jonqos milli jwieġeb għall-kompetizzjoni mit-trasport bit-triq.

L-awdituri analizzaw il-prestazzjoni tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-UE mis-sena 2000 'il hawn. Huma żaru ħames Stati Membri – ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Spanja, Franza u l-Polonja – bejn nofs l-2014 u nofs l-2015.

Bejn l-2007 u l-2013 il-baġit tal-UE kkontribwixxa bejn wieħed u ieħor EUR 28 biljun għall-finanzjament ta' proġetti ferrovjarji. Iżda minkejja dan u minkejja l-prijorità mogħtija mill-Kummissjoni għat-trasferiment tat-trasport tal-merkanzija mit-triq għall-ferrovija, f'dawn l-aħħar 15-il sena t-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-UE ma rnexxilux iwieġeb b'mod effettiv għall-kompetizzjoni ppreżentata mit-trasport bit-triq, jgħidu l-awdituri. Il-prestazzjoni tiegħu b'mod ġenerali tibqa' insodisfaċenti.

L-awdituri sabu li huwa ċar li l-ispedituri jippreferu jittrasportaw merkanzija bit-triq milli bil-ferrovija. Għalkemm xi Stati Membri (bħall-Awstrija, il-Ġermanja u l-Iżvezja) irnexxielhom jiksbu riżultati aħjar, is-sehem medju tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fil-livell tal-UE fil-verità naqas xi ftit mill-2011 'il hawn. Minbarra dan, il-veloċità medja tal-ferroviji tal-merkanzija fl-UE hija baxxa ħafna (madwar 18 km/h biss fuq ħafna rotot internazzjonali).

Għad hemm ħafna xi jsir biex tinkiseb żona ferrovjarja unika Ewropea, jgħidu l-awdituri. B'mod ġenerali, in-netwerk ferrovjarju tal-UE għadu sistema ta' networks nazzjonali separati, b'diversi awtoritajiet nazzjonali u regoli differenti ħafna li jirregolaw l-allokkazzjoni tal-mogħdijiet, il-ġestjoni u l-ipprezzar.

Il-proċeduri ta' ġestjoni tat-traffiku mhumiex adattati għall-ħtiġijiet tat-trasport ferrovjarju tal-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal għall-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA eca.europa.eu

merkanzija, anke fi ħdan il-kurituri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija: il-ferroviji tal-merkanzija jħallsu għal kull kilometru ta' infrastruttura ferrovjarja li jużaw. Dan mhuwiex dejjem il-każ għat-trasport bit-triq.

Bejn l-2007 u l-2013, fi tlieta mill-Istati Membri miżjura ġew allokati aktar fondi mill-UE għat-toroq milli għas-settur ferrovjarju, u meta l-fondi tal-UE ġew allokati għat-trasport ferrovjarju dawn ma ntużawx primarjament biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-settur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija. Fl-aħħar nett, manutenzjoni fqira tan-netwerk ferrovjarju tista' taffettwa s-sostenibbiltà u l-prestazzjoni.

“Jekk il-kwistjonijiet li ġew identifikati fir-rapport tagħna ma jiġux indirizzati”, qal is-Sur Ladislav Balko, il-Membru tal-Qorti tal-Awdituri responsabbli għar-rapport, “allura aktar finanzjament waħdu mhux se jsolvi l-problema. Jeħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jgħinu lill-manijers tal-ferroviji u tal-binarji jtejbu l-affidabbiltà, il-frekwenza, il-flessibbiltà, il-fokus fuq il-klijent, il-ħin u l-prezz tat-trasport, f’dak li jirrigwarda t-trasport ferrovjarju tal-merkanzija.”

L-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jindirizzaw id-dgħufijiet osservati fil-liberalizzazzjoni tas-suq tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, il-proċeduri ta' ġestjoni tat-traffiku, ir-restrizzjonijiet amministrattivi u tekniċi, il-monitoraġġ u t-trasparenza tal-prestazzjoni tas-settur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, u l-kompetizzjoni ġusta bejn it-tipi differenti ta' trasport.

Biex isir użu aħjar mill-fondi tal-UE, huma jirrakkomandaw ukoll li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jqabblu l-oġettivi ta' politika b'mod aktar konsistenti mal-allokazzjoni tal-fondi u l-għażla, l-ippjanar u l-ġestjoni ta' proġetti u l-manutenzjoni tan-netwerk.

Noti lill-Edituri

Il-promozzjoni ta' metodi aktar effiċjenti u sostenibbli ta' trasport, u b'mod partikolari tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, ilha parti ewlenija mill-politika tal-UE għal dawn l-aħħar 25 sena. Sa mill-1992, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-bidla fil-bilanċ bejn mezzijiet differenti ta' trasport bħala oġettiv prinċipali. Fl-2001, il-Kummissjoni kkonfermat l-importanza li s-settur ferrovjarju jiġi rivitalizzat, billi stabbiliet mira li s-sehem mis-suq tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, fl-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, jinżamm f'livell ta' 35 % sal-2010. Fl-aħħar nett, fl-2011, il-Kummissjoni stabbiliet mira li sa 30 % tal-merkanzija li tkun qed tiġi ttrasportata bit-triq għal distanzi ta' aktar minn 300 km tiġi ttrasferita għal mezzijiet oħra ta' trasport bħat-trasport ferrovjarju jew it-trasport fuq l-ilma sal-2030, u aktar minn 50 % sal-2050.

It-trasport jirrappreżenta madwar terz tal-konsum tal-enerġija u tat-total tal-emissjonijiet tas-CO₂ fl-UE. Il-promozzjoni ta' metodi effiċjenti u sostenibbli ta' trasport bħall-ferrovija u l-passaġġi fuq l-ilma interni minflok it-toroq tista' tgħin biex titnaqqas id-dipendenza tal-Ewropa fuq iż-żejt importat u biex jitnaqqas it-tniġġis. Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport ferrovjarju huma 3.5 darbiet aktar baxxi għal kull tunnellata-kilometru minn dawk tat-trasport bit-triq. Metodi aktar sostenibbli ta' trasport jistgħu jgħinu wkoll biex jitnaqqsu l-ispejjeż assoċjati mal-konġestjoni fit-toroq (li bħalissa huma pproġettati li jiżiedu b'madwar 50 % sal-2050 għal kważi EUR 200 biljun kull sena) u biex jitnaqqas l-għadd ta' fatalitajiet relatati mat-trasport.

Il-volumi ta' trasport intern tal-merkanzija fl-UE (li jinkludu bit-triq, ferrovjarju u minn passaġġi fuq l-ilma interni) huma madwar 2,300 biljun tunnellata-kilometru kull sena, fejn it-trasport bit-

triq jirrappreżenta bejn wieħed u ieħor 75 % tat-total.

Ir-Rapport Speċjali Nru 8/2016 "It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-UE: għadu mhux fit-triq it-tajba" huwa disponibbli bi 23 lingwa tal-UE.